Emenda 211
Constanze Krehl
f'isem il-Grupp S&D

Rapport **A8-0094/2019**
Andrea Cozzolino
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni
(COM(2018)0372 – C8-0227/2018 – 2018/0197(COD))

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima ***skont l-impenji*** tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Fondi se jikkontribwixxu biex jintegraw azzjonijiet klimatiċi u ***għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25*** % tan-nefqa tal-baġit tal-UE ***li jappoġġaw l-objettivi*** tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-FEŻR ***huma mistennija*** li jikkontribwixxu għal ***30*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FEŻR għall-objettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu ***għal 37*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-objettivi tal-klima.	(14) ***L-objettivi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari l-importanza kbira tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU kif ukoll il-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejba kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas kif ukoll l-iffukar fuq il-faqar, l-inugwaljanza u tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija soċjalment u ambjentalment sostenibbli f'approċċ parteċipattiv f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab ekonomiċi u soċjali, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti.*** Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima ***u telf tal-bijodiversità, u sabiex jagħtu kontribut għall-finanzjament tal-azzjonijiet meħtieġa li jridu jittieħdu fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali biex jissodisfaw, f'konformità mal-impenji*** tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, ***kif ukoll biex jiggarantixxu interventi integrati għall-prevenzjoni tad-diżastri, billi jorbtu***

r-reżiljenza u l-prevenzjoni tar-riskji, l-azzjonijiet ta' tħejjija u l-azzjonijiet ta' reazzjoni, il-Fondi se jikkontribwixxu biex jintegraw ***l-azzjonijiet*** klimatiċi u ***l-protezzjoni tal-bijodiversità billi jimmiraw 30*** % tan-nefqa tal-baġit tal-UE ***għal appoġġ*** għall-objettivi tal-klima. ***Il-Fondi jridu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-kisba ta' ekonomija ċirkolari u newtrali f'termini ta' karbonju fit-territorji kollha tal-Unjoni, filwaqt li tiġi inkorporata għalkollox id-dimensjoni reġjonali.*** L-operazzjonijiet taħt il-FEŻR ***jenħtieġ*** li jikkontribwixxu għal ***mill-inqas 40*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-FEŻR għall-objettivi tal-klima. L-operazzjonijiet taħt il-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu ***45*** % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Fond ta' Koeżjoni għall-objettivi tal-klima. ***Dawk il-perċentwali jenħtieġ li jiġu rispettati matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Għalhekk, l-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati waqt it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi, u jiġu valutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċeduri ta' rieżami rilevanti. Dawk l-azzjonijiet u l-allokazzjoni finanzjarja riżervata għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet Integrati nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima skont l-Anness IV tar-Regolament (UE).../...[is-CPR il-ġdid] kif ukoll fl-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul stabbilita skont id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17a] biex jikkontribwixxu għall-ksib ta' stokk ta' bini dekarbonizzat sal-2050, u mehmuża mal-programm. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika liż-żoni intensivi fl-użu tal-karbonju li jħabbtu wiċċhom ma' sfidi minħabba l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni, bil-għan li jiġu megħjuna jsegwu strateġiji konsistenti mal-impenn klimatiku tal-Unjoni u stabbiliti fi Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima u taħt**

tad-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17b], u biex il-ħaddiema jiġu mħarsa wkoll permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid.

[17a] Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 156, 19.6.2018, p.75).

[17b] Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdied it-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal aġġustament mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR 2021-2027), l-impenji tal-Parlament Ewropew u għal allinjament mal-miri ta' newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jitwettaq il-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 212
Constanze Krehl
f'isem il-Grupp S&D

Rapport **A8-0094/2019**
Andrea Cozzolino
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni
(COM(2018)0372 – C8-0227/2018 – 2018/0197(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "***ekonomija*** aktar ekoloġika, ***Ewropa*** li ftit li xejn tipproduċi karbonju billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiċi u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ('PO 2') permezz	(b) "***Ewropa*** aktar ekoloġika, ***reżiljenti u newtrali f'termini ta' karbonju għal kulħadd*** billi tippromwovi t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, investiment ekoloġiċi u blu, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju ('PO 2') permezz:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal aġġustament mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR 2021-2027), l-impenji tal-Parlament Ewropew u għal allinjament mal-miri ta' newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jitwettaq il-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda 213
Constanze Krehl
f'isem il-Grupp S&D

Rapport **A8-0094/2019**
Andrea Cozzolino
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni
(COM(2018)0372 – C8-0227/2018 – 2018/0197(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) investiment fl-infrastruttura tal-ajruporti minbarra ***għar-reġjuni*** l-iktar imbiegħda***;***	(e) investiment fl-infrastruttura tal-ajruporti minbarra***:***
	(i) l-investiment marbut mar-reġjuni l-iktar imbiegħda***;***
	(ii) l-investiment marbut mal-protezzjoni ambjentali u mmirat biex jimmitiga jew inaqqas l-impatt ambjentali negattiv skont l-objettivi stabbiliti fil-Pjanijiet Nazzjonali Integrati għall-Enerġija u l-Klima;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-investimenti fl-ajruporti diġà huma limitati fil-perjodu 2014-2020. Dan hu motivat minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u ambjentali. L-avjazzjoni kummerċjali hi settur kompetittiv u li jiġġenera l-qligħ,u hemm disponibbli finanzjament privat għall-istrumenti relevanti fl-infrastruttura tal-ajruporti, b'mod partikulari għal ajruporti b'għadd kbir ta' passiġġieri(pereżempju dawk tat-TEN-T). Għal ajruporti iżgħar reġjonali, l-esperjenza tal-passat uriet li ħafna investimenti appoġġati ma kinux vijabbli fit-tul.

Emenda 214
Constanze Krehl
f'isem il-Grupp S&D

Rapport **A8-0094/2019**
Andrea Cozzolino
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni
(COM(2018)0372 – C8-0227/2018 – 2018/0197(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-investimenti marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili, ***bl-eċċezzjoni ta' investiment relatat ma' vetturi nodfa kif iddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] ;***	(h) l-investimenti marbuta mal-produzzjoni, l-ipproċessar***, it-trasport, it-trażmissjoni***, id-distribuzzjoni, il-ħażna jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili**.**

26 Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni tal-fjuwils fossili timmira li tiżgura koerenza mal-impenji internazzjonali taħt il-G7 u l-G20 u l-Ftehim ta' Pariġi. L-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni jiffukaw għalkollox fuq l-appoġġar ta' Ewropa newtrali f'termini ta' karbonju billi jippromwovu tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta. Il-flus pubbliċi Ewropej m'għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw il-fjuwils fossili.